

Brussell, 3 ta' Lulju 2018  
(OR. en)

10755/18

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0269 (NLE)**

---

COASI 168	AGRI 329
ASIE 32	TRANS 305
CFSP/PESC 649	ENV 491
RELEX 607	ENER 265
COHOM 91	ECOFIN 697
CONOP 58	EDUC 277
COTER 93	CULT 83
WTO 173	CLIMA 128
JAI 727	MIGR 99
DEVGEN 118	ASEM 1

## PROPOSTA

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Lulju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	JOIN(2018) 20 final
Suġġett:	Proposta Konġunta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Gvern tal-Malasja, min-naħa l-oħra

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument JOIN(2018) 20 final.

---

Mehmuż: JOIN(2018) 20 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-  
UNJONI GĦALL-  
AFFARIJET BARRANIN U L-  
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 3.7.2018  
JOIN(2018) 20 final

2018/0269 (NLE)

Proposta Konġunta għal

### **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim  
Qafas dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha,  
minn naħa, u l-Gvern tal-Malasja, min-naħa l-oħra**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

F'Novembru 2004, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja Ftehimiet Qafas Individwali ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) mat-Tajlandja, l-Indoneżja, Singapore, il-Filippini, il-Malasja u l-Brunei. In-negozjati mal-Malasja bdew fi Frar 2011 wara ftehim biex jittiedu n-negozjati f'Ottubru 2010 mill-President tal-Kummissjoni Barroso u mill-Prim Ministru Najib Razak. In-negozjati ġew konklużi wara l-11-il laqgħa ta' negozjati fit-12 ta' Diċembru 2015. Iż-żewġ naħat taw bidu għall-FSK f'Putrajaya fis-6 ta' April 2016.

Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u s-servizzi tal-Kummissjoni kienu involuti fil-proċess ta' negozjati. L-Istati Membri ġew ikkonsultati matul il-proċess ta' negozjati f'laqgħat tal-gruppi ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill. Il-Parlament Ewropew ġie infurmat regolament matul in-negozjati.

Ir-Rappreżentant l-Għoli u l-Kummissjoni jqisu li l-oġettivi stipulati mill-Kunsill fid-direttivi tiegħu dwar in-negozjati tal-Ftehim intlaħqu, u li l-abbozz tal-Ftehim jista' jittressaq għall-iffirmar u għall-konklużjoni. Fil-5 ta' Awwissu 2016, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni ppreżentaw lill-Kunsill Proposta Konġunta għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-FSK, bħala ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Malasja ("UE-biss"). Filwaqt li jaqblu mas-sustanza tal-Ftehim, l-Istati Membri fil-COASI unanimament kienu tal-fehma li l-Ftehim għandu jiġi ffirmat u konkluż bħala Ftehim "imħallat". Din il-pożizzjoni kienet ikkonfermata formalment mill-COREPER fis-17 ta' Marzu 2017, li talab lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jirvedu l-proposta kif xieraq biex iqisu n-natura mħallta u l-applikazzjoni proviżorja. Il-bidla tal-FSK għal "imħallat" u l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda dwar l-applikazzjoni proviżorja u d-definizzjoni ta' Partijiet sabiex tirrifletti n-natura mħallta minn dakinhar ġew diskussi u maqbuli man-negozjaturi tal-Malasja.

Din il-proposta konġunta tirrigwarda l-istrument legali li jawtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-FSK bħala ftehim imħallat.

### **2. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA**

#### **2.1 L-għan u l-kontenut tal-ftehim**

Il-FSK huwa l-ewwel ftehim bilaterali bejn l-UE u l-Malasja u jieħu post il-qafas ġuridiku ta' bħalissa tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-1980 bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-pajjiżi membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tal-Asja tax-Xlokk.

Il-FSK jinkludi impenji vinkolanti li huma ċentrali għall-politika barranija tal-UE, kif ukoll dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem, in-nonproliferazzjoni, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-Qorti Kriminali Internazzjonali, il-migrazzjoni u t-tassazzjoni.

Il-FSK iwessa' b'mod konsiderevoli l-kamp ta' applikazzjoni għal impenn reċiproku fid-dominju ekonomiku u kummerċjali kif ukoll fil-ġustizzja u affarijiet interni. Il-Ftehim isaħħaħ il-kooperazzjoni f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, inklużi d-drittijiet tal-bniedem, in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-kummerċ, il-migrazzjoni, l-ambjent, l-enerġija, it-tibdil fil-klima, it-trasport, ix-xjenza u t-teknoloġija, l-impjiegi u l-affarijiet soċjali, l-edukazzjoni, l-agrikoltura, l-ġhajjnuna għall-iżvilupp, il-kultura, eċċ. Jinkludi wkoll dispożizzjonijiet biex jiproteġu l-interess finanzjarju tal-UE. Il-FSK għandu wkoll taqsima

importanti dwar il-kooperazzjoni kummerċjali, li jwitti t-triq għall-konklużjoni tan-negozjati li għaddejjin bħalissa tal-ftehim dwar il-kummerċ ħieles (FTA)

Politikament, il-FSK mal-Malasja jimmarka pass importanti lejn it-tisħiħ tar-rwol tal-UE fl-Asja tax-Xlokk, ibbażat fuq valuri universali kondiviżi bħad-demokrazzija u d-drittijiet tal-bniedem. Dan iwitti t-triq sabiex tittejjeb il-kooperazzjoni politika, reġjonali u globali bejn żewġ sħab bl-istess fehma. L-implimentazzjoni tal-FSK se twassal għal benefiċċji prattiċi għaż-żewġ naħat, li jiffurmaw bażi għall-promozzjoni tal-interessi politiċi u ekonomiċi usa' tal-UE.

Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt, li se jagħmel monitoraġġ tal-iżvilupp tar-relazzjoni bilaterali bejn il-Partijiet. Il-Ftehim jinkludi klawnsola ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni li tipprovdi għall-possibbiltà li tiġi sospiża l-applikazzjoni tal-Ftehim fil-każ tal-ksur ta' elementi essenzjali.

## **2.2 Il-bażi ġuridika għad-deċiżjoni proposta**

L-Artikolu 218(5) tat-TFUE jipprevedi l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' ftehim. Barra minn hekk, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tat-TFUE jipprevedi li l-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu meta l-ftehim ikopri qafas li għalih li tkun unanimu huwa meħtieġ għall-adozzjoni ta' att tal-Unjoni.

Fir-rigward ta' miżura li tipprova tilħaq fl-istess ħin diversi objettivi jew li għandha diversi komponenti li huma marbuta b'mod li ma jistgħux jinfirdu minn xulxin, mingħajr ma wieħed ikun anċillari għall-ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta dispożizzjonijiet differenti tat-Trattat KE jkun applikabbli, tali miżura għandha tkun fondata, b'mod eċċezzjonali, fuq il-bażijiet legali korrispondenti differenti, sakemm il-proċeduri stabbiliti għal kull bażi legali ma jkunux inkompatibbli ma' xulxin (il-Kawża C-490/10 Il-Parlament vs Il-Kunsill, ECLI: EU:C:2012:525, paragrafu 46).

Il-Ftehim isegwi l-objettivi u għandu komponenti fl-oqsma tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, il-politika kummerċjali komuni u l-kooperazzjoni tal-iżvilupp. Dawn l-aspetti tal-Ftehim huma marbuta b'mod li ma jistgħux jinfirdu minn xulxin u mingħajr ma wieħed mhu inċidentali għall-ieħor.

Il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni hija qasam fejn li tkun anonim u huwa meħtieġ għall-adozzjoni tal-att tal-Unjoni.

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta għandha għalhekk tkun l-Artikolu 37 tat-TUE, l-Artikolu 207 tat-TFUE u l-Artikolu 209 tat-TFUE moqrija flimkien mal-Artikolu 218(5) tat-TFUE u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tat-TFUE. Ma hija meħtieġa l-ebda dispożizzjoni addizzjonali bħala bażi ġuridika (ara l-Kawża C-377/12 Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, ECLI: UE: C: 2014:1903).

## **2.3 Natura ġuridika**

L-analiżi tal-kamp ta' applikazzjoni tal-FSK tindika li t-Trattati taw is-setgħa lill-UE biex taġixxi fl-oqsma kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FSK. Fuq il-bażi ta' din l-analiżi ġuridika, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni fil-bidu pproponew l-abbozz ta' ftehim, għall-iffirmar u l-konklużjoni, bħala ftehim "tal-UE biss". Barra minn hekk, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni kkunsidraw li l-proċedura ħafna iqsar u ħafna aktar prevedibbli tar-ratifika għad-dħul fis-seħħ tal-FSK bħala ftehim "tal-UE biss" twieġeb għall-interessi tal-Unjoni biex tipproċedi malajr bl-implimentazzjoni tal-Ftehim.

Madankollu, kif iddikjarat hawn fuq, l-Istati Membri fil-Kunsill (il-Gruppi ta' Ħidma COASI fil-21 ta' Settembru 2016 u fil-COREPER fis-17 ta' Marzu 2017) talbu unanimament lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex idawru dan il-ftehim f'wieħed imħallat b'applikazzjoni proviżorja. B'segwitu għal din il-pożizzjoni u biex jiġi evitat li l-firma u l-konklużjoni mill-Unjoni Ewropea tiddewwem fil-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ddeċidew li jinnegozjaw aġġustament tal-Ftehim u li jibdlu l-proposta tagħhom għall-iffirmar tal-Ftehim.

L-abbozz għalhekk jipproponi l-iffirmar tal-Ftehim bħala ftehim imħallat. Huwa jipproponi wkoll għadd ta' dispożizzjonijiet li għandhom jiġu applikati fuq bażi proviżorja bejn l-UE u l-Malasja sakemm jidħol fis-seħħ il-Ftehim.

#### **2.4 Il-ħtieġa tad-deċiżjoni proposta**

L-Artikolu 216 tat-TFUE jipprevedi li l-Unjoni tista' tikkonkludi ftehim ma' pajjiż terz wieħed jew aktar meta t-Trattati jipprevedu dan jew meta l-konklużjoni ta' ftehim tkun meħtieġa sabiex jinkiseb, fil-qafas tal-politiki tal-Unjoni, wieħed mill-oġġettivi stabbiliti mit-Trattati, jew inkella tkun prevista f'att tal-Unjoni legalment vinkolanti jew inkella x'aktarx tolgot regoli komuni jew li tbiddel il-kamp tal-applikazzjoni tagħhom.

It-Trattati jipprevedu għall-konklużjoni tal-ftehimiet bħall-FSK, jiġifieri fl-Artikoli 37 tat-TUE, 207 tat-TFUE u 209 tat-TFUE. Barra minn hekk, il-konklużjoni tal-FSK hija meħtieġa għall-għan li jinkisbu, fil-qafas tal-politiki tal-Unjoni, l-oġġettivi msemmija fit-Trattati, inklużi t-tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-kummerċ, il-migrazzjoni, l-ambjent, l-enerġija, it-tibdil fil-klima, it-trasport, ix-xjenza u t-teknoloġija, l-impjiegi u l-affarijiet soċjali, l-edukazzjoni, l-agrikoltura..

Il-Ftehim irid jiġi ffirmat qabel ma jkun jista' jiġi konkluż f'isem l-Unjoni.

Proposta Konġunta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Gvern tal-Malasja, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu, Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 207 u 209, flimkien mal-Artikolu 218(5) u t-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) F'Novembru 2004, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tagħti bidu għan-negozjati mal-Malasja għal Ftehim Qafas ta' Kooperazzjoni dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Malasja ('il-Ftehim').
- (2) In-negozjati ġew konklużi b'suċċess billi ngħata bidu għall-Ftehim fis-6 ta' April 2016 f'Putrajaya, il-Malasja.
- (3) L-objettiv tal-Ftehim huwa li jsaħħaħ il-kooperazzjoni f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, inklużi d-drittijiet tal-bniedem, in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-kummerċ, il-migrazzjoni, l-ambjent, l-enerġija, it-tibdil fil-klima, it-trasport, ix-xjenza u t-teknoloġija, l-impjiegi u l-affarijiet soċjali, l-edukazzjoni u l-agrikoltura.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni Ewropea, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (5) Minħabba l-importanza li l-Ftehim jiġi implimentat malajr kemm jista' jkun wara l-iffirmar, partijiet mill-Ftehim jenħtieġ li jiġu applikati provviżorjament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Malasja, min-naħa l-oħra ("Ftehim"), huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim li jrid jiġi ffirmat huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

## *Artikolu 2*

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ għall-persuna/i indikata/i min-negozjaturi tal-Ftehim biex tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

## *Artikolu 3*

1. Sakemm jidħol fis-seħħ, u skont l-Artikolu 58 tal-Ftehim u suġġett għan-notifiki previsti fih, il-partijiet li ġejjin tal-Ftehim għandhom jiġu applikati b'mod proviżorju bejn l-Unjoni u l-Malasja:

- Titolu I “Natura u kamp ta' applikazzjoni”;
- Titolu II “Kooperazzjoni bilaterali, reġjonali u internazzjonali”;
- Titolu III “Il-Kooperazzjoni dwar il-paċi internazzjonali, is-sigurtà u l-istabbiltà”;
- Titolu IV “Kooperazzjoni dwar il-kummerċ u l-investment”;
- Titolu V “Kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja u s-sigurtà” (ħlief għall-Artikoli 21 u 24);
- Titolu VI “Kooperazzjoni f' setturi oħra” (bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 28);
- Titolu VII “Kooperazzjoni dwar ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni” (bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 37 sa fejn dan jikkonċerna l-kooperazzjoni dwar it-trasport marittimu);
- Titolu VIII “Mezzi ta' kooperazzjoni”;
- Titolu IX “Qafas istituzzjonali” sal-punt li d-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu jkunu limitati għall-fini li tiġi żgurata l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim;
- Titolu X “Dispożizzjonijiet finali” sal-punt li d-dispożizzjonijiet ta' dak it-Titolu jkunu limitati għall-fini li tiġi żgurata l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim.

2. Id-data minn meta dawn il-partijiet tal-Ftehim għandhom jiġu applikati b'mod proviżorju għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

## *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*